Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 89/2018

Il-Pulizja

Spettur Lara Butters

Vs

Joseph Cini

Illum 8 ta' Novembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Joseph Cini detenur tal-karta tal-identita Maltija 304664 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Gunju 2017 gewwa l-Pieta' u / jew gewwa gzejjer Maltin

1. Ingurja u hedded lil G697 Natalina Said, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qeghda taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b' ghajjat u storbju;
3. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' G697 Natalina Said, weggaha bi kliem, b' gesti, b' kitba, jew b' disinji b' xi mod iehor;
4. Qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni;
5. Talli naqas li jobdi ordnijiet legittimi t' Awtorita cioe' ta' G697 Natalina Said, persuna nkarigata minn servizz pubbliku, jew ma hallihiex jew fixkilha waqt li

kienet qieghda taghmel id-dmirijiet taghha jew b' xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijietha billi ma hallihiex taghmel dak li b' ligi kien ordnat.

6. Talli fl-istess dati, lok, hin, u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b' sentenzi datati 28/01/2016 mahruga mill-Magistrat Dr.Ian Farrugia LL.D. u ohra datata 11/02/2016 mahruga mill-Magistrat Dr.Claire Stafrace Zammit LL.D., liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Natalina Said, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabli ghar-reat, tapplika provedimenti ta' l-Artikoli 382 A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tas-26 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 95, 338 (bb) (dd) (ee) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u ikkundannatu seba (7) xhur prigunerija u multa ta' €4,500.

F' kaz li tali ammont ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

In oltre, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-hati b' garanzija personali ta' elf Euro (€1,500) ghal zmien sena mil-llum fil-konfront ta' Natalina Said.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Cini, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tbiddel u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi tilliberah mill-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, u fin-nuqqas li taghti piena aktar xieraq ghac-cirkostanzi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma messitx sabet il-htija fir-rikorrenti.

1. Subordinament, kellha tinghata piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

2. Illi primarjament l-appellanti ma kellux l-assistenza ta' avukat meta ghamel l-istatement tieghu.

3. Illi l-appellant waqt ix-xhieda tieghu ried juri xi ritratti minn fuq il-*mobile phone* tieghu izda hu ma thalliex jaghmel dan.

4. Illi l-fatti tal-kas huma semplici. L-appellanti tressaq akkuzat li ingurja u hedded lil G697 waq il-qadi tad-dmirijiet taghha; li kiser il buon ordni; li weggaha bi kliem; li qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti; li naqas li jobdi ordnijiet legittimi ta' Awtorita jew ma hallijiex jew fixkilha waqt li kienet qedgha taghmel id-dmirijiet taghha.

   L-appellanti kien qieghed juza karozza sabiex jaghmel qadja u mieghu kien hemm mara qedgha takkumpanjah li baqghet fil-karozza. Il-Gwardjan Lokali bdiet taghtih citazzjoni minhabba *double parking* u kien hawnhekk li l-appellanti kellu x' jghid mal-Gwardjan Lokali. Skont il-Gwardjan Lokali l-appellanti beda jghidilha li hi dejjem tharrek lilu, qalilha xi kliem offensiv u tajrilha l-beritta. Fil-frattemp, il-mara li kienet fil-karozza harget u hadet ic-cwievet tal-karozza tal-Gwardjan Lokali u kien l-appellanti stess li ha dawn ic-cwievet u rega rritornahom lura lill-Gwardjani.

5. Illi fil-vicin ta' fejn sehh dan l-incident hemm il-*Post Office* li hija mghammra bis-*CCTV cameras*. Ghalhekk kien id-dmir tal-Prosekuzzjoni li ggib l-ahjar prova – mhux tar-rikorrenti. Izda tali prova ma gietx ipprezentata u b' hekk l-aqwa prova li seta kien hemm baqghet ma ngabitx.

6. Illi l-argument eskala ghaliex il-persuna li kienet mar-rikorrenti hadet ic-cavetta tal-vettura minghand il-gwardjan lokali Natalina Said, izda kien l-istess rikorrenti li ghadda c-cwievet lura lil gwardjani lokali. Dan il-fatt huwa kkonferma kemm mill-gwardjan lokali Natalina Said kif ukoll mill-Gwardjana Lokali Sandra Micallef fix-xhieda taghhom quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti – u kkonfermata in kontro-ezami – u anki ssemmiet fis-sentenza li minnha qieghed jigi interpost dan l-appell.

7. Illi *se mai* kellha tkun din il-persuna l-ohra li tittella l-Qorti talli naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi ta' Awtorità.

8. Illi ghandu jigi wkoll rilevat li l-appellanti fl-ebda hin ma refa jdejh fuq il-Gwardjana Lokali jew ikkagunalha xi ferita hafifa.

9. Illi meta l-appellanti tajjar il-kappell tal-Gwardjana Lokali dan ghamlu bi zball u gara hekk ghaliex filwaqt li hu kien qieghed jitkellem beda juza idejh – xi haga komuni fin-nies tal-Mediterran. Dan ukoll wiehed seta jarah li kieku gie muri r-recording tas-*CCTV camera*.

10. Illi wiehed ghandu jinnota wkoll li r-rapport sar kontra l-appellanti u kontra l-persuna l-ohra li kienet fil-karozza mal-appellanti wkoll, izda l-Pulizija pprocediet biss kontra l-appellanti.

11. Illi ghalhekk dan mhuwiex gust u li l-Ewwel Onorabbli Qorti b' hekk ikkundannat lill-appellanti ghall-imgieba ta' haddiehor.

Rat id-dokuenti kollha esebiti fl-atti

Rat ix-xhieda moghtija quddiem l-ewwel Qorti statne li din giet dattilografata.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidrat.

Illi **WPS 256** I Sant xehdet permezz ta' affidavit li jinab esebit fl-atti u spjegat kif nhar l-20 ta' Gunju 2017 ghal habta tal-11.00a.m. waqt li kienet xoghol gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida giet infurmata minn PC 693 Attard mill-ghassa tal-pulizija tal-Pieta' li kien ghadu kemm dahal rapport fil-konfront ta' Joseph Cini maghruf bhala 'l-Pele'. Dan PC 693 qal li kienu dahlu l-ghassa zewgt gwardjani lokali fejn wahda innhom stqarret li giet insulentata u mhedda minn dan Joseph Cini waqt li kient qieghda taghmel ix-xoghol taghha. Il-verzjonijeit gew mehuda mill-istess PC 693 Attard.

Hija stenniet lil Joseph Cini jmur l-Ghassa tal-pulizija tal-Imsida peress li jiffirma hemm u dan biex tkellmu fuq dan ir-rapport kif ukoll minhabba il-fatt li n-numru tal-cellulari tieghu kien inesistenti.

Nhar is-27 ta' Gunju 2017 regghet kient xoghol gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida ghal habta ta' 7.00p.m Joseph Cini mar jiffirma u qabel ma inghata l-bail book, infurmatu li kellha bzonn tkellmu rigward rapport li sar fil-konfront tieghu. Hawnhekk Cini irrispondiha 'jaqaw minhabba il-wardens?'. Hija minnufih tatu it-twissija u dritt li jikkomunika ma avukat tal-ghazla tieghu qabel ma ikun mitkellem fejn Cini irrifjuta dan id-dritt.

Cini dakinhar kien qallha li l-akkuzi li saru fil-konfront tieghu ma kienux veritieri u li kellu hafna xhieda li setghu jikkonfermaw dan. Mitlub jghatiha il-lista tax-xhieda qal li kin ser ighaddiha lilha pero' baqa' ma ghadda xejn. Mistoqsi wkoll dwar l-insulti u thedid fil-konfront tal-Gwardjani lokali G 697 Natalina Said qal li hdejn id-Detox mhux il-vettura tieghu biss ikun hemm ipparkjat izda l-warden tat citazzjoni lilu biss. Qal li ta' dan ha diversi ritratti bil-mobile tieghu ukoll. Cini ammetta li dak il-hin irrabja u qal lil din il-warden kient imqabbda mieghu izda fl-ebda mument ma insulentha jew heddidha.

**PC 693 Christian Attard** xehed ukoll bl-affidavit u qal li fl-20 ta' Gunju 2017 waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Pieta' fil-11.00a.m. marru Natalina Said u Sarah Micallef zewg wardens fejn qalulu li kellhom argument ma presuna fi triq Qrejten, Pieta' kantuniera ma Triq Telghet G'Mangia. Minn stharrig li ghamel

permezz tas-sistema tal-pulizija identifika li l-persuna in kwisjtoni kienet Joseph Cini id-numru 0304664(M).

Il Warden G 697 Natalina Said qalet hekk:-

" *Waqt li kont xoghol gewwa Triq Qrejten, Pieta' innotajt vettura bin-numru ta' rgistrazzjoni MCH 599 fejn din kient ipparkjata hazin peress li kient 'double parking' u ghalhekk harget kontravenzjoni lill-imsemmija vettura. Dak il-hin avvicinani wiehed – Cini Joseoh- id-Card 0304664(M) fejn dan imbuttani u tajjarli l-beritta u bghatni niehdu foxx kemm ghandi kemm il-darba, ukoll insulentani li jien milha u ma jistax jkolli tfal u li hu ghandu sebat itfal u kull darba tharrikni inti.* "Qalet li wegbithu li kienet qed taghmel xoghlha u wissietu biex jieqaf jitkellem hazin u jinsulentha. Barra minn hekk hu beda jghidilha biex tharrek lill-vannijeit l-ohra fejn hija qaltlu biex ma jindahalx f'xoghlha. Apparti minn hekk huwa heddidha li ser ipattijielha u li mhux ser tieqaf hawn.

Qalet li ghajjarha li hija ghamja peress li kien hemm persuna ohra fil-karozza li kienet harket pero' ma kientix ratha dak il-hin ghaliex kellha s-seat imnizzel.

Sara Micallef G466 qalet is segwenti:-
"*Jiena smajt l-ghajjat u ghalhekk hrigt minn gol-vettura tal-wardens biex nara x'inhu jigri. Fil-fatt jiena smajt li dan ir-ragel -Cini Joseoh -ID 0304664(M) jghajjar lill-kollega tieghi Natalina mielha u ghamja filwaqt li jidghi b'oxx kemm ghandha u igieghlha tharrek lill-ohrajn.*'

Spjega li kemm Sarah u Natalina dahlu fil-karozza tal-wardens biex isuqu izda minn gol-vettura li harku harget tfajla tigri u bdiet tghajjat u tidghi b'oxx kemm ghandha u marret tigri ghall-vettura tal-wardens fejn fil-fatt marret ma genb il-vettua u bdiet tghid li saqu ghal fuqha. Imbaghad hadet ic-cavetta minn gol-vettura tal-wardens. Kif gara dan Sarah nizlet mill-vettura u qaltilha biex ittiha lura ic-cavetta izda din bdiet tghidilhom biex igibu il-ulzija izda imbaghad Cini hatfilha ic-cavetta u ta' lura lil Sarah. Imbaghad saqu 'l hemm u baqghu sejrin l-Ghassa jghamlu ir-rapport.

Huwa jghid li wara li dahal ir-rapport kien infurma lil WPS 256 dwar il-kontenut tieghu biex titkompla l-investigazzjoi necesarji f'dan ir-rigward.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol. 7 fejn jirrizutla li hemm dak kollu li xehed dwaru x-xhud PC 693 Christian Attard fl-affidavit tieghu.

**Natalina Said, G 697** xehdet fis-seduta tas-17 ta' Ottubru , 2017 fejn stqarret li nhar l-20 ta' Gunju 2017 ghal habta tal-11.00a.m. Kif isisr ta' spiss kellhom rapport mill-Kunsill Lokali tal- Pieta' li f'Telghet G'Mangia kien hemm minn qed jipparkja double parking u jkollhom imorru biex jaraw x'hemm u x'mhemmx. Kien hemm zewg trakkijiet qed ihottu u kien hemm xi erba' karozzi ipparkjati double parking.

Qalet li rat li kien hemm vettura Maruti li kient double parked u marret ittiha ticket tad-double parking u x'hin lestiet minnha mar l-imputat illum appellant fuqha u qallha '*int dejjem tharrek lili*'. Izda dan mhux minnu. Tghid li dan beda' jibghatha tiehdu billi offendiha b'oxx kemm ghandha quddiem in-nies, tghajjrilha l-beritta u qallha li m'hix tajba qisha mara ragel. Qallha li m'hix tajba ghat-tfal u li johorgu qishom immankati. Dan il-hafna diskors qalu quddiem in- nies u veru umiljaha.

Spjegat illi l-kollega taghha kienet 'l fuq minnha. Qal li fil-karozza mal-imputat kien hemm mara li lanqas ratha ghaliex kellha s-seat imnizzel u l-hgieg kien skur qisu tinted u ma tatx kaz minn kien gewwa l-vettura. Pero' fid-daqqa u l-hin din harget mill-vettura u bdiet tghajjat u griet warajha.

Ikkonfermat li meta harket lill-appellant il-kollega taghha kient iktar 'l fuq fil-karozza tas-servizz u din harget meta bdiet tisma l-ghajjat u beda joffendiha. Ikkonferma li beda ighajjarha wara li kient harkitu tant li anke tajrilha il-beritta. Qalet li beda jinsulentha u meta ma tatux widen u kient diehla fil-vettura u kient ser tistartja giet din il-mara li kienet riekba fil-vettura tieghu u bdiet tghajjat. Cahdet li f'xi hin missitha. Taf li pero' din il-mara hatifitilha ic-cavetta appena kient ser tistartja u telqet biha. Imbaghad il-kollega taghha qabdet u nizlet u talbitha tmur igibhielha. Mistoqsija jekk haditx id-dettalji ta' din il-mara tghid li ma setghetx. Qalet li marru dritt l-ghassa. Ic-cavetta tla-karozza haduhom lura minn idejha wara li l-appellant kien hatafhom minghandha. Qalet li ma ppretenditx li l-appellant jghamel dik l-fratterija sempliciment ghax tatu ticket fejn kellu ihallas is-somma ta' hdax-il euro (€11.00).

Irrepetiet fuq domanda li giet msitoqsija li ghajrilha l familja u qallha 'foxx kemm ghandek'.

In kontro esami nhar il-21 ta' Frar 2018 ikkonfermat li kien hemm persuna ohra involuta fl-incident apparti l-appellant, u hija l-istess persuna li semmiet fix-xhieda principali taghha. Mistoqsija jekk hux minnu li il-mara kienet iktar involuta fl-incident mill-appellant tghid li le, t-tnejn kienu involuti. Qalet li kient il-mara li hadet ic-cavetta u li kien l-appellant li irritornahielhom.

**Sarah Micallef** xehdet nhar is-17 ta' Otturbu, 2017 ( fol. 53) u spjegat li nhar l-20 ta' Ottubru, 2017 kienet mal-kollega taghha G697 Natalina Said. Kienu ircevew rapport li kien hemm vettura double parking fi Triq Telghet G'Mangia f'xi hin filghodu. Huma marru saebix jghamlu il-verifika ta' dan ir-rapport ghal-habta tal-hdax ta' filghodu. Hija baqghet fil-karozza waqt li l-kollega taghha nizlet waqt li kienu pparkjati quddiem garage u b'hekk jekk imur sid il-garage tkun tista' ssuq hi. F'daqqa u l-hin semghet l-ghajjat u storbju. Harget tigri mill-vettura u sabet il-kollega taghha tilletika mal-appellant li gharfet fl-awla bhala l-imputat.

Qalet li wara l il-appellant argumenta maghha bdiet tghid lill-kolllega taghha biex imorru 'l hem. X'hin rikbet fil-karozza marret mara tigri lejhom. Qalet li l-appellant kien f'karozza numru ta' registrazzjoni MCH 599 li ma kienitx tghajjat lilu u meta cemplu lil siddha qallha li kien l-appellant li kien biha. Qalet li semghet lill-appellant joffedniha b'oxx kemm ghandha.

Imbaghad bdiet tghajtilha biex tmur hdejha izda dak il-hin marrret dik il-mara irrankata lejha u din ukoll kient qed tidghi u tibghathom jiehduh 'l hemm u 'l hawn . Bdiet tghajjat li kienu qed isuqu ghal fuqha meta fil-fatt kienu weqfin pero' l-magna kient mixghula. Fil-pront dahlet ideja mit-tieqa u hadet ic-cavetta u nizlet tigri. Hija harget u marret tigri wrajha beix tiehu c-cavetta lura. Fil-fatt ic-cavetta hadielha l-appellant u ta' lura lilhom. Mistoqsi jekk l-appellant ikkolaborax maghhom tghid li iva tahom ic-cavetta lura. Mistoqsija jekk din il-mara kellmithiex tghid li qaltilha "jekk trid gib il-pulizija."

In kontro esami nhar il-21 ta' Frar 2018 ikkonfermat li fil-karozza fejn kien rikeb l-appellant kien hemm persuna ohra ta' sess femminili izda kien l-appellant ghall-ewwel li qajjem l-komozzjoni. Kien biss wara li waqaf hu li bdiet tghajjat hi u li marret tigri biex tiehu c-cavetta mill-vettura tas-servizz taghhom. Hija fl-ebda hin ma griet wara l-appellant pero' griet wara l-mara biex tiehu lura c-cavetta.

Rat l-affidavit ta' **Karen Maria Cremona** esebit fl-atti a fol 64 markat bhala dok LB fejn ghan-nom ta' Transport Malta qalet li minn indagini li ghamlet fir-rekords ta' l-Awtorita' irrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoi MCH 599 hija tal-ghamla Mitsubishi Pajero Junior ta' kulur maroon u hija registrata f'isem Jacqueline Oliva u kient ilha hekk registrata sa minn l-4 ta' Settembru 2013.

**Jacqueline Oliva** xehdet nhar l-24 ta' Jannar, 2018 u kkonfermat li l-vettura tal- ghamla Mitsubishi Pajero Junior numru ta' registrazzjoni MCH 599 hija prorpjeta taghha. Qalet li taf li f'Gunju 2017 kienet silfet il-karozza liz-ziju taghha Joseph Cini l-appellant u dan ghaliex kellu xi qadi x'jghamel u talbithu jirritornahielha dakinhar stress, u hekk ghamel.

L-appellant Joseph Cini xehed fil-21 ta' Frar, 2018 minn jedu u b'mod volontarju (fol. 77). Jghid li huwa kien mar hdejn l-isptar l-antik u ta' lift lil wahda mara li kienet qieghda hemmhekk. Qal li kien waqaf biex jixtri zewg pastizzi u l-warden tatu ticket. Jghid li staqsietu ghalfejn kienet ghamlitlu hekk. Mhux vera li tajrilha l-beritta u fil-fatt fil-vicinanzi hem mil-psot office b'CCTV Camera. Qal li din il-warden qaltlu li ma kienet rat lil hadd fil-vettura.

Wara jaf li baghtu ghalih l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun u tkellem mas-surgent u talbu jara r- ritratti li kien ha. Kien hemm disgha karozzi fin-nofs. Qal li mhux vera tghajrilha l-beritta. Qal li kull filghodu ikun hemm wardens jiehdu café fejn ikunu qatt ma thom fastidju.

Jaf li mbaghad baghtet ghalih l-Ispettur tal-Msida u staqsietu jekk ir-rapport li kellha kienx minnu. Staqsietu jekk kellux xhieda li jistghu jikkokobroaw ix-xhieda tieghu li mhux vera ghamel dak li kient irraportat il-warden. Qallha iva izda ma riedux jitilghu

l-Qorti. Qal li din hija t-tieni darba li kien waqaf hemm u l-warden tatu ticket. Qal li ra it-tfajla li kellu fil-karozza tqum mill-karozza u tiggiled mal-warden. Qal li huwa ghandu hamest itfal u nannu ta' tnejn. Mistoqsi jekk kienx irrabjat maghha jghid li argumenta maghha u staqsiha ghalfejn kient tatu ticket minkejja li kien hemm karozzi ohra fl-ekwati fuq id-double line bhalu. Dan ma kienx sewwa li tat-ticket lilu biss.

Qal li huwa kien gholla idejh u peress li l-warden hija mara twila laqat il-beritta b'idejh. F'xi hin jghid li ra l-warden ha ittajjar lit-tfajla li kienet mieghu u din qabdet u hadet ic-cavetta tal-vettura tas-servizz tal-warden. Izda huwa mar wara din it-tfajla u ha c-cavetta u rega' taha lil warden.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza u sabitu hati tal-akkuzi kollha l-ohra u kkundannatu sebgha xhur prigunerija u multa ta' erbat elef u hames mitt euro (€4,500).

Illi l-appellant hass ruhu aggravat u interpona appell. Jghid li fl-ewwel lok ma kienx assistit minn avukat meta rrilaxja l-istqarrija. Jghid ukoll li waqt ix-xhieda tieghu ried juri xi ritratti izda ma thallix jghamel dan.

Illi dwar dawn iz-zewg aggravji jinghad is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-appellant fl-ebda hin ma rrilaxxja stqarrija u jekk ghamel stqarrija din ma tirrizutlax esebita fl-atti u ghalhekk dak li gie mistqarr mill-avukat difensur tieghu fl-ewwel aggravju taghha ma jsibx konfort f'din is-sentenza u ser jigi skartat peress li tali allegat statement ma tifformax parti mill-atti processwali ta' din il-kawza.
2. Dwar dak allegat mill-appellant li huwa ried juri xi ritrati lill-Qorti u dan ma ingahtax l-opportunita' jinghad li dan ukoll ma jirrizultax mill-atti u f'kaz li dan kien veru messu vverbalizza dak li sehh u dan sabeix ikollu prova ta' dan li qed jallega. Dan pero' ma sarx minnu u ghalhekk stante li ma jirizutlax li kien hemm dawn ir-ritratti x'jigu esebiti l-Qorti m'hix ser taghti kaz din l-asserzjoni inveritiera.

3. Illi l-appellant jghid li in effetti mhux minnhu li hwua f'xi hin tajjar il-beritta tal-warden u dan seta facilment jigi pprovat kieku ic-CCTV filmati tal-post office gew esebiti. Jinghad li hawnhekk ukoll id-difiza fl-ewwel istanza ma ghamlet l-ebda verbal fejn tablet li dawn il-provi jigu prodotti jew li giet imcahda milli tressaq tali prova u ghalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti ser tiskarta tali kumment. Illi l-prosekuzzjoni ma thossx li kellha tesebixxi dawn ir-ritratti meta kellha xhieda okulari tal-incident.
4. Illi l-appellant isostni li l-prosekuzjzoni messha harket lit-tfajla li kienet fil-kumpanija tal-appellant u dan ghaliex l-agir taghha kien wiehed agressiv u mhux mistenni minlfok ma harket lilu. Jingahd li ghalkemm forsi huwa minnu li l-prosekuzjzoni messha harket ukoll lil din it-tfajla u jidher hawnhekk li l-prosekuzzjoni naqset mili taghmel investigazzjoni profnda ta' dak li gara xorta jibqa' l-fat li l-appellant gab ruhu hazin ukoll fil-konfront tal-wardens independentement minn din it-tfajla. Ghalhekk f'kaz li din il-Qorti ser issib lill-appellant hati dan ser isir independentement mill-agir tat-tfajla. Zgur li mhux l-appellant li ghandu jghid lil-Pulizja min ghandhom iresqu l-Qorti. Dik hi diskrezzjoni taghhom.

Illi l-appellant fl-ebda hin tax-xhieda tieghu ma jichad li fil-fatt ghajjar lil warden bil-kliem li mhiex tajba ghat tfal[1] u li ikollha tfal li johorgu qishom immankati[2] u li hi mara ragel[3]. Lanqas ma jichad li hu fil-fatt qal kliem oxxen tant li baghat lil warden Natalina Said tiehdu f… kemm ghandha…. Jammetti li kien irrabjat minhabba il-fatt li kien qala ticket meta kien hemm vetturi ohra ipparkjati fuq id-double yellow line.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-

[1] Fol. 49
[2] Fol 49
[3] Fol 51

Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et[4].**" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi[5]**" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace[6]**" ]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit[7]**" u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**[8]" (in konnessjoni mal-artikolu
tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.[9]"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt[10]**", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju*

---

[4] Deciz fit-12 ta' Mejju 1994
[5] Deciz fl-14 ta' Frar 1989
[6] Deciz fil-31 ta' Mejju 1991
[7] Deciz fil-31 ta' Mejju 1991
[8] 1969] 1 QB 276
[9] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[10] Deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

*ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, that ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat ilkomportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi biss fuq kwistjoni ta' kredibilta ta' xhieda u cioe jekk l-ewwel Qorti ghamlitx sew li temmen il-versjoni tal-fatti kif emnuti minnha.

Ma hemmx dubbju kif spejgat il waden Natalina Said u kolloborat mill-warden Sarah Micallef li l-appellant ingurja lil G697 Natalina Said kif fuq spejgat u dan waqt li hija kienet qed taqdi id-dmirijiet taghha ta' warden u taghti ticket lill-appellant waqt li hu kien ipparkjat douoble parking fuq double yellow line. Illi jidehr bic-car li l-appelant beda jghajjat u jitkellem hazin u baxx kif deskritt mix-xhud Natalina Said. Li l-appellant qal kliem oxxejn u indicenti meta ghajjar lill-warden u lil familja taghha. Illi huwa indahal fid-dmirijiet tal-warden meta beda' jghidilha lil min kellha tharrek u ma tharrikx .

Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fil-gudizju li hija ghamlet met sabet lill-appellant hati tal-akkuzi wiehed, tnejn, tlieta (talli qal kliem oxen jew indicenti fil-pubbliku) u tar-raba' akkuza .

Dwar il-hames akkuza u cioe' li huwa recidiv din tirrizutla wkoll stante li fl-atti hemm esebit is-sentenza moghtija fil-5 ta' Frar, 2016 (fol. 58) fejn jirrizutla li l-karta ta' identita' tal-appellant hija l-istess bhal dik ta' Joseph Cini li jidher fuq din l-istess

sentenza fejn kien instab hati u inghata multa ta' mitejn u hamsin euro ghalhekk gie ppruvat ukoll li l-appellant hu recidiv fit-termini tal-ligi .

Konsegwentement, din il-Qorti qeda tilqa' l-appell tl-appellanti in parti u cioe' billi qed tirrevoka s- sentenza moghtija mill-ewwel Qorti in parte u cioe' billi mhux qed issib lill-appellant hati tat-tielet akkuza u cioe' minn dik l-akkuza li l-ewwel Qorti kienet astjeniet minnha (u cioe' talli bil-hsieb li jnaqqas jew itellef il-gieh ta' Natalina Said weggaha bil-kliem, b'gesti, b'kitba jew b'disinju jew mod iehor) u tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-kumplament fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha .

Dwar il-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant li hija proprju bibbja b'diversi reati registrati fuqha fejn inghata kul tip ta' piena izda l-appellant ma tghallimx mill-imghoddi u rega' qiegehd il-Qorti akkzuat b'reati simili ghal dawk li diga' nstab hati taghhom f'okkazjonijiet precedenti. Ghalhekk din il-Qorti qeghdha wkoll tikkonferma l-piena inflitta mill-ewwel Qorti.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur